# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DEĊIZJONI NRU: 2754

**Kaz Numru : 3770/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Samuel Curmi**
**(KI numru 26895 (G))**

**u**

**Executive Security Services Ltd**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta**

**<u>Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., L.L.B., Dip. L.P., B.A., P.G.C.E.</u>**

**It-Tlieta 14 ta' Settembru 2021**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Avv Chris Said fit-23 ta' Lulju 2019 f'isem Samuel Curmi fejn huwa allega tkeċċija nġusta mill-impjieg li kien jokkupa bhala 'Security Guard' mal-Executive Security Services Ltd.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa min-naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.

## Rapprezentanza

Samuel Curmi li minn issa 'l quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Chris Said.

Executive Secutity Services Ltd li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-Soċjeta ntimata, kienet irrapprezentata mill-Avv. Matthew Brincat.

## Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrent kien ilu jaħdem mas-soċjeta' erba' snin, mill-15 ta' April 2015 sad-data li ġie tterminat fit-13 ta' Ġunju 2019. Ir-rikorrent irċieva telefonata li biha ġie nfurmat li qed jiġi

tterminat. Huwa ma kien irċieva l-ebda twissija qabel dan. Din it-telefonata rċeviha fl-14 ta' Ġunju 2019, wara lejl xogħol fil-Ġgantija Għawdex. Ir-raġuni li ngħata kienet għax liebes *boxers shorts* għax-xogħol. Ir-rikorrent innega dan. Fit-18 ta' Ġunju irċeva m'ghand JobsPlus *termination form* li kienet tgħid li tkeċċa minħabba raġunijiet dixxiplinarji. Ir-rikorrent talab li t-Tribunal jiddikjara t-tkeċċija bħala waħda nġusta u jerġa jingħata lura l-istess impjeg li kellu.

**Ġabra fil-Qosor tax-xhieda**

**Caroline Tabone:** Qalet li taħdem fl-Amministrazzjoni mas-soċjeta' ntimata. Hija qalet ukoll li l-persuna nkarigata li tagħmel ir-ronda kienet tmur regolari tinfurmaha kif kienu l-affarijiet izda fl-14 ta' Ġunju dan qallha li Samuel Curmi nstab bla uniformi u kien rieqed waqt li suppost kien is-*security* għassa. Hija qalet ukoll li Samuel minkejja li l-persuna identifikat ruħha u kienet bl-uniformi xorta ma fetaħlux u beda joffendih. Hija qalet li nħarget charge letter bl-akkuzi. Din l-ittra nbagħtet fl-14 ta' Ġunju stess. Għall-kontro-ezami hija qalet li l-persuna li rrapurtatu ma għadux jaħdem Malta u li hu minnu li s-CEO tal-kumpanija ħareg ordni biex ħadd ma jiftaħ lil ħadd matul il-lejl. Hija qalet ukoll li wara erbat'ijiem intbagħtitlu wkoll warning letter. Hija kkontestat il-fatt li c-charge letter qatt ma waslitlu kif suġġerit mill-Avukat tar-rikorrent, għax inbtagħtet fuq l-istess email li jirċievi fuqu l-payslip. Ix-xhud ikkonfermat li l-ittra tat-terminazzjoni lil JobsPlus kienet intbagħtet u fiha ġiet identifikata t-13 ta' Ġunju bħala l-aħħar ġurnata xogħol, għax dik kienet l-aħħar ġurnata li kien duty. Hija nnegat li lir-rikkorrent qaltlu '*inti tersaqx għax-xogħol'* nhar l-14 ta' Ġunju. Hija saħqet li ntbagħtet charge letter fl-14 ta' Ġunju li fiha kien mitlub jagħti ġustifkazzjoni ta' ghemilu u li fin-nuqqas ta' dan se jinghata warning. Hija qalet li erbat'ijiem wara nħargitlu warning letter u sussegwentement mal-JobsPlus tnizzel li ġie tterminat u kwindi l-aħħar ġurnata ta' xogħol tiegħu, kienet it-13 ta' Ġunju. Hija qalet ukoll li meta kienu ċemplulu hu qallhom li l-warning ma riedx jiffirmaha u ma jridx jitkellem. Ix-xhud ikkonfermat li hija kkuntattjatu wara li l-erbat'ijiem kienu għaddew u qaltlu biex jiġi jiffirma l-warning.

**Stephen Ciangura:** Fil-kapaċita' ta' Managing Director tal-kumpanija tas-sigurta' tal-ġenituri tiegħu. Huwa qal li l-kumpanija timpjega madwar 75 *securities* u jiftakru sew dan il-kaz għax rari jkollu xi haga simili. Huwa qal li kienu waslu xi rapporti u bagħat persuna

biex tiċċekkja lil Samuel, u l-karozza li uza ma kinitx tal-kumpanija proprju biex ma jiġix identifikat għax la l-kaz kien Għawdex, huwa qal li kienet normali li kif jirfes il-vapur, diġa jkun ġie mgħarraf ir-rikorrent u xi ħadd iwissih li se ssir *spotcheck*. Għall-kontro-ezami huwa sostna dak li qalet Caroline Tabone u li ma seta' qatt keċċieh kif allegat għax riedu l-ewwel jgħaddu l-erbat'ijiem. Huwa kkonferma li r-releaver minflok ir-rikorrent ġie mnizzel fir-roster, mhux għax kienu keċċewh imma għax baqa' ma kkomunikax l-intenzjoni tiegħu u d-darba li kkuntattjahom bit-telefon kienet biex joffendihom.

**Josianne Curmi**, omm ir-rikorrent qalet li l-għodwa li rritorna d-dar wara xift ta' bil-lejl, jiġifieri l-14 ta' Ġunju 2019, f'xi ħin irċieva telefonata mill-iskrivana tal-kumpanija u qaltlu biex imur jiffirma t-*termination letter*. Huwa talab raġuni għala u l-iskrivana qaltlu għax hekk għandi ordni. Ix-xhud ikkonfermat li hi semgħet x'qalet l-iskrivana. Ix-xhud kompliet billi qalet li wara dan, binha ċempel lil Steve Ciangura, il-kbir tal-kumpanija fejn kien jaħdem binha. Hija qalet li fost id-diskursata l-aktar li qasmitilha qalbha kienet li Steve qal li l-aqwa li Samuel m'għadux mal-Heritage.

Għall-kontro ezami, x-xhud ikkonfermat li t-telefonata ta' l-iskrivana kienet biex jiffirma t-*termination letter*. Ikkonfermat ukoll li kif wasal mix-xogħol filgħodu wara li għadda jagħmel rapport l-għassa x'ġara matul il-lejl, qallha li mar xi ħadd iħabbatlu u hu ma feteħlux għax dik kienet l-ordni li ngħataw, meta l-persuna ma jkunux jafuha. Din il-persuna la kellha tag u kien barrani. Ix-xhud qalet ukoll li wara li marret tħabbatlu din il-peruna, huwa ċempel lill-pulizija, fejn qalulu biex kif jintemm ix-xift imur jagħmel rapport l-għassa, kif filfatt ghamel.

Għar-ri-ezami x-xhud qalet li mill-14 ta' Ġunju l'hemm ma setax imur għax-xogħol għax intqal lilu li hu ġie tterminat.

**Emanuel Tabone** fil-kapaċita' ta' wieħed mis-*securities* li jaħdmu mas-socjeta', qal li kien ilu jaħdem seba' snin, u fil-lejl in kwistjoni huwa kien xogħol. Għal xit-tlieta ta' filgħodu (3.00am) ġie jħabbatlu persuna liebes l-uniformi tas-security u tah warning għax kien bla uniformi. Din il-persuna staqsiet ukoll lix-xhud jekk jistax jidħol u jgħaddi biex imur in-naħa tat-tempji. Ix-xhud qal li hu ma aċċettax għax kellhom ordni li ma jdaħħlu l-ħadd. Ix-xhud qal ukoll li l-għada filgħodu kif spiċċa x-xift iltaqa' mar-rikorrent izda ftit jiftakar x'qalu, ħlief li ġew jiċċekjawhom dak il-lejl.

Ix-xhud qal ukoll li hu weġibha t-twissija izda ma ġietx aċċettata.

**M. Sant Caruana** bħala kuratur tat-tempji tal-Ġgantija kkonfermat li huma jqabbdu lis-socjeta' tagħmel x-xogħol ta' sigurta' billi tipprovdi l-ħaddiema hi. Ikkonfermat ukoll li tat struzzjonijiet li huma konformi mal-aġenzija, li fil-hin li t-tempju jkun magħluq għall-pubbliku ma jitħallewx jidħlu nies. Hija qalet ukoll li hi ma daħlitx fil-kwistjoni tat-terminazzjoni tar-rikorrent, izda kien ir-rikorrent stess li nfurmaha.

**Sintesi tat-trattazzjoni tal-kaz**

**Dr. Chris Said** għan-nom tar-rikorrent qal li r-rikorrent tkeċċa mingħajr biss qatt kellu twissija la bil-fomm u lanqas bil-miktub. Qal ukoll li ma kienx il-kaz li ma nstabx fuq xogħolu izda l-unika akkuza li ġiet ippruvata kienet li ma kienx liebes l-uniformi. F'dak il-lejl stess mill-provi ħareg li kien hemm *security guard* ieħor on duty li wkoll instab bla uniformi izda ma tkeċċiex imma ngħata twissija. Dr Said qal ukoll li s-socjeta' kellha kull opportunita' ġġib jixhed lil min mar fuqu bil-lejl u qabdu izda ma tellgħuhx jixhed. Setgħu ġabu affidavit u jsir kontro-ezami bl-iSkype. Dr Said qal li l-unika prova li ressqet is-soċjeta kienet ic-*charge letter* li filfatt hija falza ghax inħarġet wara li tkeċċa, hekk kif irrizulta mill-provi. Inħarget wara li s-socjeta' ntebħet li għamlet zball. Dr. Said qal li huwa talab għall-filmat li jkun fuq is-CCTV kamera u ma ngħatalux.

**Dr. Matthew Brincat** għas-socjeta' ntimata qal li t-tkeċċija skattat propju in segwitu ta' x'ġara fil-lejl in kwistjoni. Huwa qal li l-kumpanija kellha diversi lmenti li b'mod ġenerali kienu li ċerti *security guards* mhux qed jaqdu dmirijiethom sew. Dr. Brincat qal li r-rikorrent instab minn persuna li nbagħtet apposta biex tiċċekkja, nstab rieqed mal-art u bla uniformi. Qal ukoll li l-kumpanija meta għamel xogħolu sew faħħritu u issa ħadha kontra l-kumpanija għax inqabad ma jagħmilx xogħlu. Dr. Brincat qal li c-*charge letter* ħargitlu in segwitu tal-inċident. Fl-14 ta' Ġunju hu ngħata opportunita' biex jirregola ruħu. Qal ukoll li l-persuna li qabditu rieqed huwa barrani u m'għadux Malta. Dr. Brincat qal li la hu u lanqas il-kollega tiegħu ma raw lir-rikorrent u sta għat-Tribunal li jiddeċiedi jekk kienx rieqed la nstab bla uniformi u jekk hux vero simili skont l-akkuza li fiha c-*charge letter*.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal qed jigi mitlub jiddeciedi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent kinitx waħda ġusta u skont il-ligi

Tenut Kont ta' għaxar fatturi miġjuba bi provi waqt is-smiegħ tal-kaz ċioe:

Li r-rikorrent kien ilu mpjegat mas-socjeta' erba' snin;

Li fil-lejl in kwistjoni meta ġie avviċinat minn persuna mibgħuta mis-socjeta' biex tiċċekkja xi jkun jagħmel mal-lejl, dan tal-aħħar ma ddaħħalx fil-kumpless mir-rikorrent fuq struzzjonijiet mogħtija lilu mill-Manager tal-Heritage Malta stess;

Li l-persuna li marret tħabbatlu għalkemm kien liebes l-uniformi ma kellux identifikazzjoni x'juri meta kien mitlub jagħmel dan mir-rikorrent;

Li l-persuna li nbagħtet mis-socjeta' f'dak il-lejl waqt li r-rikorrent kien fuq xogħolu bħala security guard la xehdet u lanqas pprezentat affidavit;

Li kien proprju x'irrapportat din il-persuna li ntbagħtet li wassal għat-terminazzjoni tar-rikorrent;

Li r-rikorrent ġie tterminat ezatt dakinhar kif ħareġ mix-xift ta' bil-lejl;

Li ma sar l-ebda proċess dixxiplinarju fuq ir-rikorrent;

Li s-soċjeta' ssostni li r-rikorrent kien rieqed minkejja li kien fuq il-post tax-xogħol u dan qed jiġi ddeterminat mill-fatt li ma kienx liebes l-uniformi;

Li fl-istess lejl f'parti oħra ta' l-istess kumpless fejn kien xogħol ir-rikorrent, kien hemm ukoll kollega tiegħu fl-istess kariga u kien qed jgħasses ukoll matul il-lejl li wkoll kien mingħajr uniformi;

Li l-kollega l-ieħor is-Sur Tabone ma ġiex itterminat izda ngħata twissija li rċeviha ħmistax wara l-incident.

**DEĊIZJONI**

Dan it-Tribunal biex jara u jasal għal deċizjoni jekk it-terminazzjoni kienitx waħda ġusta jħoss li kien ikun wisq utli kieku l-persuna li skont x'qalet hi, f'dal-kaz uffiċjal mibgħut mis-soċjeta' biex jara u jirraporta lis-superjuri tiegħu x'kien qed jagħmel ir-rikorrent, kieku dan b'xi mod wassal hu stess il-verzjoni tiegħu lil dan it-Tribunal imqar b'affidavit u bil-mezzi teknoloġici tal-lum, jekk jinsab barra minn Malta, xorta jista' jiġi ezaminat u kontro-ezaminat. Dan filfatt ma seħħx. Il-provi li tressqu mis-soċjeta' allura ma kienux konvinċenti meta tqis li strieħu fuq ir-rapport li għamel dan l-uffiċjal. Lanqas ma ġie pprezentat xi *footage* minn xi CCTV *camera* li post bħal ma hu fejn kien impjegat ir-rikorrent ikun mgħammar bihom. Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li jekk inħass il-bzonn li tintbagħat persuna, ghall-gharrieda, bla avviz biex tissindika u forsi taqbad filfatt xi jkun qed jagħmel impjegat matul il-lejl, allura dan ifisser li kien hemm xi ħsieb jew avveniment li seta' spira dan il-proċess. Dan it-Tribunal jemmen li jekk kien hekk il-kaz, kien ikun aktar proċess onest kieku r-rikorrent jiġi mgħajjat mis-superjuri tiegħu, jgħidulu bis-suspetti, jiġi ammonit u jekk hemm bzonn jingħata twissija bil-miktub. Dan ma sarx. Lil dan it-Tribunal ma rrizultalux li fl-erba' snin li r-rikorrent dam jaħdem mas-socjeta' kien hemm xi drabi fejn naqas minn dmirijietu jew kellu xi rapport ħazin, anzi l-provi li nġabu juru bil-kontra. It-terminazzjoni kienet iddur mal-lejl tat-13 ta' Ġunju 2019 biss li strieħet fuq x'qal il-persuna mibgħuta u xejn aktar. Huwa wkoll stramb il-fatt li s-soċjeta' tinsisti li l-akbar evidenza li r-rikorrent kien rieqed waqt il-qadi ta' dmirijietu kien il-fatt li ma kienx liebes l-uniformi. Bħala fatt dan ukoll mhux validu minnu nnifsu meta tqis li kollega ieħor tiegħu wkoll kien mingħajr uniformi fl-istess lejl waqt li kien qed jagħmel l-istess funzjoni u li ma ġiex itterminat minn xogħolu. F'kaz bħal dan li jigi evalwat skond il-bilanċ tal-probabilitajiet, mhux konvinċenti li c-*charge letter* ħarget qabel ma biss kien hemm pjan biex jiġi tterminat r-rikorrenti. It-Tribunal hawn jinnota li kollox idur ma'pjan ta' lixka bit-tir li jaqa' fih xi mpjegat. L-affarijiet mhumiex ċari u lanqas il-pretensjonijiet mistennija mir-rikorrent li jidhru kunflinġenti meta tqabbel x'ippretendiet is-soċjeta' u x'kienet qed tippretendi Heritage Malta. Il-persuna li ntbagħtet mal-lejl ppretendiet li tiddaħħal skont is-soċjeta'

ntimata, waqt li skont Heritage Malta dan ma kellux isir u nħargu struzzjonijiet biex fil-ħin li jkun magħluq il-post tax-xogħol tar-rikorrent, ħadd ma jiddaħħal. Ghal dan it-Tribunal jekk tinħareg *charge letter* wara li evidentement saret wara telefonati konfrontattivi ma tantx jawgura tajjeb li kienet parti minn xi proċess dixxiplinarju, biex wieħed ma jgħidx ukoll li kien ivvizjat minn kif seħħew l-affarijiet. Dan jigi kkonfermat ukoll mill-fatt li sakemm suppost ġiet imwieġba c-*charge letter*, r-rikorrent kien diġa' nqala' mir-roster. Tajjeb wieħed isemmi wkoll il-fatt li l-kollega tar-rikorrent irċieva twissija ħmistax -il ġurnata wara dan l-inċident. Għal dan it-Tribunal iħoss li proċess mgħawweġ beda jipprova jiġi ddrittat wara li seħħet it-tkeċċija tar-rikorrent.

Għaldaqstant dan it-Tribunal hu tal-fehma li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet waħda nġusta u mhux skont il-liġi u qiegħed jillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent għas-somma ta' tmint'elef, tmien mija u sitt ewro (€8,806) li ghandha tinghata lir-rikorrent fi zmien xahar mil-lum.

.

Għall-finijiet ta' l-avviz Legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin ewro u sbatax -il ċentezmu (€ 93.17)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**